VERŻJONI ELETTRONIKA



**A.L. 357 tal-2013**

# ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

## Direttiva mill-Ministru għal Finanzi, għall-ħruġ ta' €2,404,400 *Stock* tal-Gvern ta' Malta bis-7%, 2023 (II)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161, u bl-artikolu 6(2) tal-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi, Kap. 358, u bis-saħħa tal-Ftehim bejn is-Santa Sede u Malta, iffirmat fit-28 ta' Novembru, 1991, u riprodott fl-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi, Kap. 358, il-Ministru għall-Finanzi, awtorizza l-ħruġ tas-somma ta' €2,404,400 fi *Stock* tal-Gvern bis-7% f'isem il-Fondazzjoni għall-Iskejjel tal-Knisja kif ġej:-

Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi (KAK).

**1.** Il-ħruġ ta' dan l-i*Stock* huwa suġġett għat-termini u kondizzjonijiet tal-Mudell tal-Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi (KAK), li sar mandatorju fit-titoli governattivi ġodda kollha taż-żona tal-euro, b'perjodu ta' maturità 'l fuq minn sena, u maħruġa mill-1 ta' Jannar 2013 jew wara, skont id-deċizjoni tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011, u skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 12 tat-Trattat li jistabillixxi l-Mekkaniżmu ta' Stabbilita' Ewropea (ESM). Il-Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva sħaħ fid-dettal kollu tagħhom jinsabu fuq il-*website* tat-Teżor www.treasury.gov.mt taħt is-sezzjoni *Debt Management Directorate*.

Mod ta' ħruġ tal- i*Stock*.

**2.** L-i*Stock* li hu negozzjabli u ħieles mit-taxxa fuq id-dokumenti, għandu jinħareġ bil-prezz ta' €100 fil-mija u jkun allokat lill-Fondazzjoni għall-Iskejjel tal-Knisja f'multipli ta' €100 fit-18 ta' Novembru 2013.

Rata' ta' mgħax u dati tal-pagamenti.

**3.** (1) L-imgħax sħiħ għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-18 ta' Mejju u fit-18 ta' Novembru ta' kull sena matul il-perjodu tal-i*Stock*. Ir-rata tkun riveduta kull sentejn, li jibdew jgħoddu mill-ħruġ tal-i*Stock*, b'tali mod li jinżamm 1% anqas mir-rata massima normali tas-self skont il-liġi, sakemm dan qatt ma jkun anqas minn 7%.

(2) Il-ħlas tal-imgħax għandu jsir b'*warrant*, li jintbagħat bil-posta għand l-i*stockholder* innifsu għar-riskju tiegħu jew f'xi fergħa ta' bank lokali, għand persuna jew korp ta' persuni li lilhom l-i*stockholder* ikun, b'talba bil-miktub, awtorizza lill-*Accountant General* biex joħroġ il-*warrant*. L-ebda *warrant* m'għandu jitħallas

VERŻJONI ELETTRONIKA



sakemm ma tkunx iffirmata irċevuta relattiva u tali irċevuta għandha tkun prova ta' ħlas favur l-*Accountant General* u l-Gvern.

(3) F'każijiet li l-i*Stock* ikun reġistrat f'ismijiet ta' żewġ persuni jew aktar bħala *stockholders* aġġunti, l-*Accountant General* jista' jagħmel il-ħlas bil-mod indikat aktar qabel lil dik il-persuna li isimha jkun jidher l-ewwel fuq ir-reġistru. Irċevuta ta' ħlas ta' mgħax mogħtija minn wieħed jew tnejn jew aktar *stockholders* aġġunti għandha, sakemm ma jkunx hemm avviż kuntrarju li jingħata lill-*Accountant General* minn xi *stockholder* ieħor aġġunt, tkun prova ta' ħlas tal-imgħax favur l-*Accountant General* u l-Gvern.

Negozjar fil-Borża ta' Malta. Kap. 345.

**4.** L-applikazzjoni biex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjari. Tali *Stocks* jistgħu jinbiegħu lill-pubbliku bl-awtorità minn qabel tal-Konferenza Episkopali Maltija. L-i*Stock* jista' wkoll ikun negozjat bejn Entitajiet Ekklesjastiċi barra l-Borża ta' Malta, ma tkunx meħtieġa tali awtorizzazjoni, u jkun ħieles mit-taxxa fuq id-dokumenti.

Piż fuq id-dħul u l-attiv.

**5.** L-i*Stock* u l-imgħax fuqu għandhom ikunu addebitati lid-dħul u l-attiv ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

Redenzjoni tal-i*Stock*.

**6.** L-i*Stock* jinfeda bi *premium* ta' 10% fuq il-valur nominali tiegħu f'data bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023 (iż-żewġ dati inklużi) skont kif jistabbilixxi l-*Accountant General* u skond ma jiġi avżat fil-Gazzetta.